# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Deċiżjoni Nru 2883

# Illum 20 ta’ Jannar, 2023

Każ Numru 3981/JG

Fil-Kwistjoni tax-xogħol

Bejn

**Abdelbaky Haridy Amr Hussein (K.I. Nru 217563A)**

**u**

**Nathalie Briffa Al Girbi (K.I. 172181M)**
**topera fil-kummerċ taħt l-isem**
**Orion Self Service Mini Market**
**ta’ Triq Depiro, Tas-Sliema**

*Dwar: Tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**<u>Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud., MAAT</u>**

## <u>Introduzzjoni</u>

Il-każ kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta’ rikors datat 8 ta’ Lulju, 2021 permezz tal-Avukat Ryan Ellul f’isem is-Sur Abdelbaky Haridy Amr Hussein. Min-naħa l-oħra l-intimata li topera negozju ta’ mini market ma’ żewġha s-Sur Hani Al Girbi rrispondiet fis-26 ta’ Awwissu, 2021 permezz tal-Avukat Joseph Mizzi u l-Avukat Timothy

Spiteri. Lejn l-aħħar tal-proċeduri, l-Avukat Jason Grima assuma l-patorċinju f'isem l-intimata.

Fir-rigward tal-artiklu 78 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddeċiedi l-każ fil-perjodu stipulat mil-liġi minħabba d-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

**Fatti tal-Każ**

Ir-rikorrent is-Sur Abdelbaky Haridy Amr Hussein kien impjegat mas-Sa Nathalie Briffa Al Girbi u r-raġel tagħha s-Sur Hani Al Girbi fl-1 ta' Frar, 2021 u beda effettivament jaħdem mal-intimati fit-8 ta' Frar, 2021 wara li kienet ħarġet il-liċenzja tax-xogħol favur ir-rikorrent mingħand l-Identity Malta fil-5 ta' Frar, 2021.

Is-Sur Abdelbaky Haridy Amr Hussien jgħid li fit-23 ta' April, 2021 huwa ġie mkeċċi mill-intimati wara li r-rikorrent talab jieħu l-leave sabiex ikun jista' jżur lill-familja tiegħu fl-Eġittu. Jgħid ukoll li l-formola tat-terminazzjoni tal-Jobplus taqra li huwa rriżenja, xi ħaġa li hu jiċħad. Ma' dan iżied li l-intimata naqset milli taderixxi ma' dak miftiehem u tħallas lir-rikorrent s-salarju dovut lilu.

Min-naħa l-oħra l-intimata tgħid li r-rikorrent dejjem tħallas il-paga dovuta lilu u li mhux minnu li r-rikorrent ġie mkeċċi minn fuq ix-xogħol mill-esponenti iżda kien ir-rikorrent stess li minn jeddu rriżenja. L-intimata tgħid li dan seħħ wara li kien mgħarraf li t-talba tiegħu li jibda jitħallas l-paga bil-quddiem, kif kien xtaq li jibda jsir, ma ntlaqitx. L-intimati jgħidu li r-rikorrent telaq mill-post tax-xogħol u ma reġax irritorna lura u għaldaqstant ipproċedew sabiex jibagħtu l-formola appożita lil Jobplus.

Barra minn dan l-esponenti jżid li l-leave li kien talab kien effettivament approvat biex imur l-Eġittu u fil-fatt kienet l-esponenta s-Sa Briffa Al

Girbi stess li ħalsitlu l-biljetti tal-ajru żmien qabel ma rriżenja. Jgħid ukoll s-Sur Hani Al Girbi li jħossu ingannat għaliex ir-rikorrent naqas li jinforma lill-esponenti dwar ċirkostanzi personali li kienu jrenduh mhux addatt għall-pożizzjoni ta' *delivery service assistant*. L-esponenti jsemmu l-problemi li r-rikorrent kellu f'daru li jimpeduh milli jagħmel ix-xogħol ta' *delivery services assistant* kif ukoll ma kellux liċenzja valida tas-sewqan minkejja li kien informa lill-esponenti li għandu, liema fattur kien kundizzjoni neċessarja għall-pożizzjoni li kien ser jokkupa.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal kellu quddiemu żewġ verżjonijiet tal-fatti kif magħrufa, dik tar-rikorrent li jikkontendi li kien imkecci u min-naħa l-oħra l-verżjoni ta' l-intimati li jikkontendu li r-rikorrent irriżenja minn jeddu. Għalhekk it-Tribunal irid jagħrbel iċ-ċirkostanzi kollha li wasslu għat-tmien tal-impjieg fit-23 ta' April, 2021.

Is-Sur Hani Al Girbi jgħid li hu kien jaf lis-Sur Hussien u kien jaf li kien qiegħed jgħix f'sitwazzjoni batuta finanzjarjament speċjalment meta tilef ix-xogħol minħabba l-Covid 19. L-intimat jgħid li hu tħassru u ried jgħinu u fil-fatt f'April ta' 2019 tah akkomodazzjoni żgħira wara il-ħanut tal-intimati stess. Jgħid li tahulu bla kera, anqas ma kien obbligah iħallas għall-elettriku, arredalu l-bżonnijiet bażiċi u anki offrielu impjieg fil-ħanut iġifieri l-Orion Mini Market. Minħabba li l-permess tax-xogħol li kellu r-rikorrent kien wasal biex jiskadi, l-intimati bdew il-proċess għat-tiġdid u applikaw biex il-permess jiġi mġedded – Seduta 15 ta' Ottubru, 2021 paġna 7 u 8.

Ikompli jżid li f'xi żmien ir-rikorrent esprima l-intenzjoni li jmur lura l-Eġittu għaliex kien qiegħed iħoss in-nuqqas tal-familja, l-intimati ħassrulu għaliex dan kien ifisser li jista' jitlef iċ-ċans li jinħariġlu l-permess tax-xogħol - 15 ta' Ottubru, 2021 paġna 11.

Il-permess ħareġ fil-5 ta' Frar 2021 u r-rikorrent beda jaħdem fit-8 ta' Frar, 2021 iżda s-Sur Hani Al Girbi jgħid li wara li impjegawh fin-negozju sar jaf li l-liċenzja tas-sewqan kienet sa tiskadi u minħabba li kienet liċenzja internazzjonali setgħet biss tiġi mġedda mill-pajjiż minn fejn ħarġet oriġinalment, iġifieri l-Eġittu. Minħabba f'hekk, is-Sur Hani Al Girbi jgħid li kellhom ibiddlu l-kuntratt tax-xogħol minn 'driver' għal 'shop assistant'.

L-intimati skoprew ukoll li r-rikorrent kien ibati minn kundizzjoni f'daru li pprekluditu milli jqandel. Biex iżomm l-impjieg, l-intimati ppruvaw jgħallmuh juża l-cash register imma ma rnexxitx. Kien limitat fil-ħiliet għaliex ma kienx jitkellem la bil-Malti u anqas bl-Ingliż u allura ma setax iservi lill-klijenti. Għalhekk ix-xogħol li kien fadal li jista' jagħmel kien li jnaddaf l-art u l-ixkaffef fil-ħanut.

Is-Sur Hani Al Girbi jgħid li r-rikorrent kien jagħmillu diversi talbiet u meta r-rikorrent talbu ġranet leave biex imur l-Eġittu, huwa aċċetta iżda l-ġranet kellhom ikunu konformi mal-perjodu kajman tan-negozju. Ġara iżda li r-rikorrent talbu ħlas bil-quddiem ta' ħmistax-il jum leave li kien ser iqatta' fl-Eġittu. Għal din it-talba l-intimat irrifjuta - 15 ta' Ottubru, 2021 paġna 11. Is-Sur Hani Al Girbi jgħid li r-rikorrent irrisponda li kien sa jitlaq mix-xogħol.

L-intimata Nathalie Briffa Al Girbi tgħid li f'ħin minnhom hi marret il-ħanut u meta ma ratx lir-rikorrent staqsiet għalih ma' zewġha u qallha li Abdelbaky Haridy Amr ried jitlaq, qabad u telaq. Fix-xhieda tagħha s-Sa Briffa Al Girbi kkorraborat ix-xhieda ta' żewġha. Hi tgħid li kien jitrattaw lir-rikorrent qisu wieħed mill-familja - 15 ta' Ottubru, 2021 paġna 22.

IS-Sur Ahmed Albakoush impjegat fl-istess negozju jixhed li nhar l-24 ta' April, 2021 kien daħal għax-xogħol bħas-soltu u meta ma rahx lir-rikorrent staqsa lil Hani għalih. Dan qallu li r-rikorrent kien abbanduna

ix-xogħol. Iżda ġara li r-rikorrent kien mar il-ħanut u s-Sur Albakoush staqsieh għalfejn kien għamel hekk. Ir-risposta kienet li hu kien xaba' u ma riedx jaħdem hemm iżjed – seduta 24 ta' Settembru, 2021. Is-Sur Albakoush jgħid li pprova jikkonvinċih biex jirranġa imma r-rikorrent qallu li kien iddeċieda. Ix-xhud jikkonferma wkoll li r-rikorrent kien joqgħod f'proprjetà ħdejn il-ħanut.

Min-naħa l-oħra r-rikorrent jgħid li r-raġuni li kellu l-impjieg tiegħu terminat kien għaliex is-Sur Hani Al Girbi ma riedx iħallsu tal-leave li ried jieħu – Seduta 6 ta' Mejju, 2022 paġna 3-4. Fix-xhieda tiegħu Abdelbaky Haridy Amr Hussein jikkonferma li ma kellux liċenzja tas-sewqan valida għal Malta, jgħid li s-Sur Hani Al Girbi kien jitrattah b'mod ġentili, ġieli tah xi ħwejjeġ tal-ilbies, kien joqgħod fi proprjetà tal-intimat u li anqas kien mitlub iħallas kera, kif ukoll jikkonferma li s-Sa Briffa Al Girbi kienet għamlitlu booking għat-titjira għall-Eġittu żmien qabel ma kellu l-impjieg terminat - Seduta 6 ta' Mejju, 2022 paġna 7-12.

Mill-evidenza jidher li l-intimati riedu lir-rikorrent jaħdem magħhom għaliex mhux biss tawh l-impjieg imma anki akkommodawh mill-aħjar li setgħu anki bl-inqas spejjeż possibbli. It-Tribunal jinnota li kien hemm żewġ kriterji bażiċi għall-impjieg effettiv tar-rikorrent, dak li jkun jista' jqandel oġġetti normalment misjuba ġo mini market kif ukoll li ma kellux liċenzja valida tas-sewqan biex iwassal l-oġġetti għand il-konsumatur. Dawn il-fatturi kienu jkunu biżżejjed biex wieħed jittermina impjieg imma minflok l-intimati għażlu li jbiddlu l-kuntratt tax-xogħol biex jakkommodaw lir-rikorrent u jżommuh fl-impjieg.

Għalhekk, kien żbaljat ir-rikorrent meta talab biex jitħallas għal-leave li kien għadu jrid jieħu u l-prinċipal ma kellu l-ebda obligazzjoni jaċċetta din it-talba.

Meta ma' dan wieħed jara kif l-intimati għamlu ħilithom biex jinħareġ il-permess tax-xogħol għar-rikorrent u anki il-pariri siewja li tawh biex ma jitlifx din l-opportunità, it-Tribunal jinnota attitudni tajba mistennija

minn prinċipal tajjeb. Għalhekk, it-Tribunal jemmen li r-rikorrent ma tkeċċiex mill-intimati imma kien ir-rikorrent li b'għażla tiegħu għoġbu jitlaq mill-impjieg.

**Deċiżjoni**

Wara li t-Tribunal eżamina u evalwa id-dikjarazzjoni tal-każ, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalità u l-komplessità tagħhom, jiddeċiedi li r-rikorrent is-Sur Abdelbaky Haridy Amr Hussein kien ittermina l-impjieg tiegħu, liema terminazzjoni kienet skont il-liġi.

L-ispejjeż tal-kawża taż-żewġ partijiet huma a karigu tar-rikorrent jiġifieri s-Sur Abdelbaky Haridy Amr Hussein.

It-Tribunal jiddikjara l-każ magħluq.

(iffimat)
Joseph Gerada
Chairman